ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2017**

**IL-ĦDAX-IL SENA IR-RELIĠJON IL-ĦIN: Siegħa u tliet kwarti**

L-Isem: ________________________________ Il-Klassi:__________

**Din il-karta tal-eżami fiha SITT taqsimiet.**

**Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titlu ta' kull eżerċizzju.**

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

**Għall-użu tal-għalliema**

| Taqsima A | Taqsima B | Taqsima C | Taqsima D | Taqsima E | Taqsima F | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 18 | 18 | 18 | 16 | 12 | 18 | 100 |
| | | | | | | |

## Taqsima A **(18-il marka)**

## Int x'Tiswa?

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(2 marki)*

1. Is-sens ta' stima jiżviluppa b'mod tajjeb jekk wieħed jikber (fl-għira, fil-ftaħir, fl-imħabba).

2. Alla jagħmilna wliedu permezz tas-sagrament (taż-Żwieġ, tal-Magħmudija, tal-Ewkaristija).

**Ikteb xi jfissru dawn is-simboli li jintużaw fil-Magħmudija.** *(4 marki)*

3. L-ilma: ____________________
4. Il-blandun: ____________________
5. Il-libsa l-bajda: ____________________
6. Iż-żejt: ____________________

**Wieġeb.**

7. X'jissejjaħ il-post fejn il-katekumenu jirċievi l-Magħmudija?

____________________________________________(*marka)*

**Kompli s-sentenza.** *(3 marki)*

8. Il-ħajja Nisranija li bdiet fina fil-Magħmudija, titkompla ____________________

____________________________________________

9. Waqt li jidlek moħħ iż-żagħżugħ/a biż-żejt, l-isqof jgħid: "Ħu s-siġill ____________________

____________________________."

10. Il-kelma **Kristu** tfisser____________________________________________.

**Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi tikteb in-numri minn 11 sa 14 fil-kaxxi l-vojta fin-nofs.** *(4 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 11. | Skont Ġesù, it-teżor tagħna | | imma ruħ ukoll. |
| 12. | Il-bniedem mhuwiex ġisem biss | | li jakkwista l-Ġenna. |
| 13. | Kemm hu iebes li wieħed għani | | għandu jkun fis-sema. |
| 14. | Għan-Nisrani, is-suċċess veru huwa | | jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet. |

15. F'madwar **ħamsin (50) kelma**, spjega x'inhu **s-siwi** u **l-periklu** tal-flus għalina l-Insara.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ *(2 + 2 marki)*

## Taqsima B **(18-il marka)**

## Il-Ħajja x'Tiswa?

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(2 marki)*

1. Skont il-ktieb (tal-Ġenesi, tan-Numri, tal-Eżodu) il-ħajja ġejja minn Alla.

2. Il-kmandament ("La tiżnix", "La toqtolx", "La tixhidx ħaġa b'oħra") jipprojbixxi li wieħed jieħu l-ħajja tiegħu jew ta' persuna oħra.

**Kompli s-sentenza.** *(marka)*

3. Għal Ġesù, il-ħajja hi rigal; għalhekk ______________________________.

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

4. Liema sagrament jingħata lil min ikun marid serjament?

______________________________ *(marka)*

5. a) X'inhi l-piena kapitali?

______________________________

______________________________ *(2 marki)*

5. b) Għaliex bħala Nsara m'għandniex naqblu mal-piena kapitali?

______________________________

______________________________ *(2 marki)*

6. a) X'inhu l-abort?

______________________________

______________________________ *(2 marki)*

6. b) X'tgħallem il-Knisja dwar l-abort?

______________________________

______________________________ *(2 marki)*

7. Għaliex il-Knisja ma taqbilx li persuna tagħmel suwiċidju?

______________________________

______________________________ *(2 marki)*

8. Id-droga, it-tipjip u l-alkoħol jistgħu jqiegħdu lil ħajjitna f'periklu bla bżonn.
F'madwar **ħamsin (50) kelma**, spjega kif jista' jiġri dan.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ *(4 marki)*

## Taqsima C **(18-il marka)**

## Lejn id-Dinja tax-Xogħol



**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(2 marki)*

1. L-ewwel enċiklika soċjali tal-Knisja kienet (*Centesimus Annus, Rerum Novarum, Octogesima Adveniens*).

2. Il-Papa Ġwanni Pawlu 2 kiteb l-enċiklika *Centesimus Annus* li tittratta (ix-xogħol, il-Bibbja, il-Kelma t'Alla).

**Kompli s-sentenza.** *(marka)*

3. Permezz tad-dnub, ix-xogħol___________________________________________________.

**Wieġeb.**

4. Semmi, skont il-ħsieb Nisrani, **iż-żewġ raġunijiet** għaliex il-bniedem jaħdem.

   (a) __________________________________________________________ *(marka)*

   (b) __________________________________________________________ *(marka)*

5. Għaliex kull tip ta' xogħol għandu jitqies bħala mezz ta' solidarjetà?

   ______________________________________________________________

   __________________________________________________________ *(2 marki)*

6. Xi jfisser il-kmandament "Ħares il-Ħdud u l-Festi Kmandati"?

   __________________________________________________________ *(marka)*

7. Semmi u spjega **tliet drittijiet** li għandhom il-ħaddiema fuq ix-xogħol. *(6 marki)*

| Dritt | Tifsira |
|---|---|
| a) | |
| | |
| b) | |
| | |
| c) | |
| | |

**Wieġeb f'madwar ħamsin (50) kelma.**

8. Kif nista', bħala student/a, nibda nħejji ruħi minn issa għad-dinja tax-xogħol?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ *(4 marki)*

## Taqsima D **(16-il marka)**

## Fit-Triq tal-Imħabba

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mil-lista t'hawn taħt.** *(6 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| ħobbu | imħabba | dixxipli |
| tal-Ispirtu s-Santu | jagħraf | Alla |

1. "L-imħabba ta' ____________________ ssawbet fi qlubna permezz ____________________ li kien mogħti lilna."
"Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ____________________ intom lil xulxin. Minn dan ____________________ kulħadd li intom ____________________ tiegħi, jiġifieri jekk ikollkom ____________________ bejnietkom."

**Wieġeb fil-qosor.**

2. Dawn is-sentenzi dwar l-imħabba nsibuhom fit-Testment il-Ġdid. Min qalhom?

_________________________________________ *(marka)*

3. L-imħabba fiż-żwieġ Nisrani titlob unità, fedeltà u indissolubbiltà.

   Xi jfissru dawn it-tliet kelmiet?

   (a) unità _________________________________________ *(marka)*

   (b) fedeltà _________________________________________ *(marka)*

   (c) indissolubbiltà _________________________________________ *(marka)*

4. Liema huma **ż-żewġ raġunijiet** għaliex koppja tingħaqad flimkien fis-sagrament taż-Żwieġ?

   (a) _________________________________________ *(marka)*

   (b) _________________________________________ *(marka)*

5. Min huma l-ministri fis-sagrament taż-Żwieġ?

_________________________________________ *(marka)*

6. Xi tfisser l-Imħabba *Agape*?

_________________________________________

_________________________________________ *(2 marki)*

**Kompli s-sentenza.** *(marka)*

7. Tnissil responsabbli jfisser li_________________________________________.



## Taqsima E **(12-il marka)**

**Agħżel TNEJN minn dawn il-mistoqsijiet (1, 2, 3, 4) u, fuq karta separata, wieġeb f'forma ta' paragrafu.**

1. **John qiegħed fit-tieni sena tal-Iskola Medja u wasal biex jirċievi s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof.**

   (a) Għaliex dan is-sagrament hu kontinwazzjoni tal-Magħmudija?

   (b) Xi tfisser meta ngħidu li fil-Griżma tal-Isqof insiru xhieda ta' Kristu? Agħti **żewġ eżempji** mill-ħajja ta' kuljum biex tfisser dan.

   *(6 marki)*

2. **Martin għandu marda terminali u jixtieq li jtemm ħajtu qabel ma l-marda tidħol aktar fil-fond.**

   (a) X'nifhmu b'ewtanasja volontarja?

   (b) X'nifhmu b'ewtanasja involontarja?

   (c) Għaliex il-Knisja ma taqbilx mal-ewtanasja?

   *(6 marki)*

3. **Il-ħaddiem m'għandux drittijiet biss, imma għandu dmirijiet ukoll.**

   (a) Semmi **żewġ dmirijiet** li għandu l-ħaddiem u fissirhom.

   (b) Kif għandu n-Nisrani jġib ruħu fuq il-post tax-xogħol?

   *(6 marki)*

4. **Kull bniedem hu msejjaħ biex iħobb, imma mhux kull bniedem hu msejjaħ biex jiżżewweġ.**

   (a) X'tifhem b'**ċelibat**?

   (b) Fost dawk li jħaddnu ċ-ċelibat, hemm min iwiegħed li jgħix il-faqar, il-kastità u l-ubbidjenza. Fisser **tnejn** minn dawn il-voti fil-ħajja reliġjuża.

   *(6 marki)*

## Taqsima F **(18-il marka)**

- **Agħżel Titlu 1 jew Titlu 2.**
- **Kull tweġiba trid tkun magħmula minn tliet paragrafi: (a), (b) u (c).**
- **It-tweġiba sħiħa jrid ikun fiha madwar 250 kelma.**

**Titlu 1**

**"Sliem għalik, ja mimlija bil-grazzja! Il-Mulej miegħek!"**

(*Luqa 1, 28*)

(a) Semmi **tliet** dommi li tgħallimna l-Knisja dwar il-Madonna u fissirhom. *(6 marki)*

(b) Marija dejjem għamlet dak li ried minnha Alla.

Irrakkonta **żewġ** ġrajjiet mill-ħajja ta' Marija biex turi kif hi għamlet dan.

*(6 marki)*

(c) Kif tista' inti, bħala żagħżugħ/a, timita lil Marija fil-ħajja tiegħek ta' kuljum?

Agħti **tliet** eżempji. *(6 marki)*

**JEW**

**Titlu 2**

**"L-art ġiet fdata f'idejn il-bniedem biex jiżviluppaha, mhux biex jittradiha u jeqridha. Minflok jagħti sehmu bħala kooperatur ma' Alla fil-ħidma tal-ħolqien, il-bniedem qiegħed lilu nnifsu flok Alla u spiċċa biex qajjem irvell fin-natura; flok imexxiha, qiegħed jaħkimha bħala tirann."**

(*Centesimus Annus, par 37)*

(a) X'nifhmu bil-kelma **ambjent**? *(3 marki)*

(b) Spjega kif il-bniedem illum qiegħed jeqred l-ambjent ta' madwaru billi tagħti **tliet** eżempji.

*(6 marki)*

(c) X'għandha tkun l-attitudni tagħna l-Insara lejn il-ħarsien tal-ambjent? Agħti **tliet** eżempji.

*(9 marki)*

**Tmiem il-Karta**